**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, L-10 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawża Numru: 1**

**Rik. Kost. 37/2018 RGM**

**Andrea Stellato (K.I. 102865M)**

**vs.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Andrea Stellato** ppreżentat fl-10 t'April, 2018 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

Illi nhar l-10 ta' Awwissu 2006, ir-rikorrenti tressaq il-Qorti taht arrest wara li kien gie interrogat nhar id-9 ta' Awwissu 2016 [recte: 2006] u akkuzat mill-Pulizija Ezekuttiva talli:

1. Uza vjolenza sabiex igieghel lil bintu u lil ex-martu jaghmlu, ihallu jsiru, jew jonqsu milli jaghmlu, xi haga (Artikoli 18 u 251 tal-Kap. 9);

2. Hebb ghall-bintu sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara (Artikoli 18 u 339(d) tal-Kap. 9);

3. Hedded lill-istess bintu u lill-ex-martu bi kliem (Artikoli 18 u 338(e) tal-Kap. 9);

4. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' bintu (Artikolu 221 tal-Kap. 9);

5. Bejn il-perjodu tat-28 ta' Frar 2006 'l quddiem uza l-vjolenza sabiex igieghel lil bintu taghmel, jew thalli jsiru, jew tonqos milli taghmel, xi haga (Artikoli 18 u 251 tal-Kap. 9; Kap. 481);

6. Bejn il-perjodu tat-28 ta' Frar 2006 'l quddiem hebb ghal bintu biex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara (Artikoli 18 u 339(d) tal-Kap. 9; Kap. 481);

7. Bejn il-perjodu tat-28 ta' Frar 2006 'l quddiem hedded lill-istess bintu u lill-ex-martu bi kliem (Artikoli 18 u 338(e) tal-Kap. 9; Kap. 481);

8. Bejn il-perjodu tat-28 ta' Frar 2006 'l quddiem ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' bintu (Artikolu 221 tal-Kap. 9); u talli

9. B'imgiebtu ikkaguna lil ex-martu u lil bintu, li jibzghu li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li tali imgieba tieghu se tikkaguna lil dawn il-persuni li hekk jibzghu (Artikolu 251B tal-Kap. 9).

Illi wara li r-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest huwa rega deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-31 ta' Awwissu 2006 fejn bdew jinstemghu l-provi.

Illi fis-17 ta' Awwissu 2006 l-intimat Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Andrea Stellato" tigi trattata bi procedura sommarja, dan ai terminu tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9.

Illi il-provi tal-Prosekuzzjoni gew dikjarati maghluqa fis-seduta tat-12 ta' Frar 2009, filwaqt li l-kawza giet differita ghat-23 ta' April 2009 ghall-provi Difiza, kwazi tlett snin wara li r-rikkorenti tressaq taht arrest u l-istadju tal-provi tad-Difiza gie dikjarat maghluq fis-seudta tal-11 ta' Gunju 2010.

Illi fit-3 ta' Gunju 2011 inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema sentenza sabet lill-esponent hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u d-disa' (9) imputazzjoni migjuba kontrieh (kopja tas-sentenza annessa ma' dan ir-rikors bhala Dok. A).

Illi l-esponent appella mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti bil-konsegwenza li l-Qorti tal-Appell tat sentenza fit-12 ta' Dicembru 2017 fejn propju wara hdax-il sena, ma sabitu hati tal-ebda imputazzjoni hlief parzjalment tal-ewwel wahda vis a vis bintu S, u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx xi reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata (kopja ta' din is-sentenza annessa ma' dan ir-rikors bhala Dok. B).

Illi inoltre ir-rikorrent matul il-perjodu ta' dawn il-proceduri gie sospiz mill-imjieg tieghu skont ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Procedura ta' Dixxiplina) u ghamel dan il-perjodu ta' aktar minn hdax-il sena jircievi biss nofs il-paga tieghu.

Illi wara li gew konkluzi dawn il-proceduri l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, b'ittra taghha tal-1 ta' Marzu 2018 gharrfet lir-rikkorrent li hija kienet sejra tirrakkomanda li huwa jitlef is-salarju mizmum lilu matul il-perjodu kollhu tas-sospenzjoni (kopja ta' din l-ittra annessa ma' dan ir-rikors bhala Dok. C)

Illi bilkemm hemm ghalfejn jinghad li t-trapass ta’ aktar minn hdax-il sena biex tigi deciza tali kawza zgur li mhuwiex zmien ragjonevoli.

Illi ghar-ragunijiet premessi, tul il-perjodu ta’ dawn il-hdax-il sena d-dritt tar-rikorrent ghas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, sancit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali hekk kif applikabbli bhala parti fil-Ligi Maltija bis-sahha tal-Kap. 319, kif ukoll fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, gie lez.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tiddikkjara li fil-proceduri istitwiti kontra r- rikorrent fl-ismijiet Il-Pulizija vs Andrea Stellato finalment decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar it-12 ta’ Dicembru 2017, kien hemm dewmien mhux misthoqq u bla ebda raguni tajba.

2. Tiddikjara li b’konsegwenza tat-tali dewmien huwa garrab ksur tal-jedd tieghu ta’ smiegh xieraq fi zmien ragonevoli sancit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl- Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

3. Tindirizza dan in-nuqqas u l-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem b’kumpens xieraq u effettiv, maghduda l-hlas ta’ kumpens fi flus u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat **ir-risposta tal-Avukat Generali** prezentata fit-30 t’April, 2018 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li hu sofra lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Andrea Stellato".

2. Illi esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.

4. Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal ghal dewmien biex il-kawza tigi deciza u wisq inqas ma` kien hemm nuqqas mill-esponent.

5. Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

6. Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skond il-Ligi.

7. Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz ha numru ta' snin sakemm gie finalment deciz ma kienx hemm dewmien irragjonevoli.

8. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta` rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta` kumpens bhala danni morali u mhux ta` danni materjali.

9. Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża inkluż l-atti proċesswali fl-ismijiet il-Pulizija vs. Andrea Stellato deċiża fit-12 ta' Diċembru 2017;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fil-21 ta' Frar 2019 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Avukat Ġenerali ppreżentata fit-2 t'April 2019;

Semgħat it-trattazzjoni finali tal-abbli Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-13 ta' Ġunju 2019;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Provi**.

Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-atti tal-kawża huma s-segwenti.

Ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-10 t'Awwissu 2006 fejn ġie akkużat li wettaq diversi reati ta' vjolenza domestika fil-konfront tal-eks-mara tiegħu u t-tifla tiegħu li dak iż-żmien kellha tlettax-il sena. Fl-istess ġurnata li tressaq, is-Sur Stellato ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt numru ta' kundizzjonijiet. Wara sebat ijiem l-Avukat Ġenerali ai termini ta-Artikolu 370 (4) tal-Kodiċi Kriminali ta' l-kunsens tiegħu sabiex il-każ kontra Andrea Stellato jiġi ttrattat bi proċedura sommarja.

Mill-atti jirriżulta li fit-3 ta' Novembru 2006, l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti ai termini tal-Artikolu 432 (2) u (3) tal-Kapitolu 9 'isir l-eżami mill-ġdid tal-imputat, u tissokta bil-ġbir tal-provi' u dan wara li ma ġiex osservat it-terminu perentorju stabbilit fl-Artikolu 401 (1) tal-istess kapitolu. Kien għalhekk li fis-7 ta' Novembru 2006 ġiet moqrija l-akkuża u sar l-eżami tal-imputat. Bejn is-6 ta' Diċembru 2006 u t-28 ta' Marzu 2007 ma sar xejn u dan peress li:

a. Fis-6 ta' Diċembru 2006 l-Uffiċċjal Prosekutur talab differiment stante li kien impenjat fis-seduta tad-Distrett;
b. Fid-19 ta' Jannar 2007 id-difensur tal-akkużat talab differiment peress li nqabad b'xogħol ta' natura urġenti quddiem Qorti oħra;
c. Fil-21 ta' Frar 2007 id-difensur tal-akkużat ma deherx għaliex kien jinsab impenjat f'ġuri; u
d. Fit-28 ta' Marzu 2007 l-avukat tal-*parte civile* talab differiment.

Kien għalhekk li l-ewwel xhud setgħet tinstema' biss fit-23 ta' Mejju 2007 fejn fiha xehdet it-tifla tar-rikorrent bil-*video conferencing*. Fis-seduta

sussegwenti u ċioe tad-9 ta' Lulju 2007 u tal-31 t'Ottubru 2007, il-Prosekuzzjoni resqet diversi xhieda oħra iżda d-depożizzjoni ta' wieħed mix-xhieda kellha tiġi sospiża waqt is-seduta t'Ottubru u dan sabiex il-partijiet jieħdu konjizzjoni tar-rapport li tressaq mill-istess xhud. Sfortunatament u mingħajr l-ebda ħtija tal-Prosekuzzjoni u tal-Qorti, is-seduta tat-18 ta' Jannar 2008 kellha tiġi differita u dan peress li l-avukat tal-*parte civile* ma marx preparat biex jittratta l-ammissibilità o meno tar-rapport li ġie esibit. Il-Prosekuzzjoni informat lill-Qorti li hija kellha mħarrkin *social workers* biex jixhdu f'dik is-seduta, iżda l-avukat tal-imputat ħass li 'jkun opportun li qabel ma jixhdu l-imsemmija social workers jingħata provediment inkwantu jirrigwarda l-ammissibilità tar-rapport'[1] u kien għalhekk li f'din is-seduta ma sar xejn. Fis-seduta tal-20 ta' Frar 2008 naqas milli jidher l-uffiċċjali prosekutur u l-kawża ġiet differita għall-14 ta' Marzu 2008 fejn fiha saret it-trattazzjoni dwar l-ammissibilità o meno tar-rapport. Fl-20 ta' Mejju 2008 xehdu 3 xhieda oħra. B'ordni tal-Qorti, is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2008 ġiet differita. Fil-25 ta' Ġunju 2008 'L-Uffiċċjal Prosekutur nforma l-Qorti li l-*parte civile* u l-avukat tad-difiża tagħha kellhom ituh lista ta' xhieda li kellhom jiġu mħarrka għas-seduta ta' llum iżda dawn naqsu milli jagħmlu dan. Peress illi l-kawża kienet intiża biex issir fl-10:30am bil-ħin u issa saru l-11:05am u l-avukati tal-partijiet għadhom ma dehrux il-Qorti tiddeferixxi l-kawża'.[2] Waqt is-seduta tat-2 t'Ottubru 2008 kellha tixhed *parte civile* iżda l-legali tagħha ppreżenta ċertifikat mediku u għalhekk talab differiment, liema talba ġiet milqugħa. Finalment kemm fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2008 kif ukoll fis-seduta tat-12 ta' Frar 2009 instemgħu diversi xhieda u kien għalhekk li fi Frar il-Prosekuzzjoni ddikjarat li m'għandhiex aktar provi. Il-kawża ġiet differita għal provi tal-imputat.

L-ewwel seduta għal dan l-iskop kienet fit-23 t'April 2009, iżda d-difiża talbet differiment. Nonostante li s-seduta tad-9 ta' Lulju 2009 'kienet intiża biex tinstema' bil-ħin fil-11:30am u kienet għal provi difiża u la l-Uffiċċjal

---

[1] Paġna 278 tal-proċess.
[2] Paġna 321 tal-proċess.

Prosekutur u lanqas l-Avukat difensur ma dehru’[3], il-kawża kellha tiġi differita. Kemm waqt is-seduta tal-21 t’Ottubru 2009 kif ukoll tad-9 ta’ Diċembru 2009, id-difiża resqet xi xhieda. Fit-18 ta’ Frar 2010, il-kawża ġiet differita fuq talba tad-difensur tal-imputat. Fil-15 t’April 2010 u fil-11 ta’ Ġunju 2010, id-difiża resqet numru ta’ xhieda u għaddiet biex iddikjarat li m’għandhiex aktar provi. Waqt is-seduta tad-29 ta’ Settembru 2010 saret it-trattazzjoni mill-prosekuzzjoni u d-difiża u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza. Fl-10 ta’ Diċembru 2010 kien hemm theddida ta’ bomba fl-edifiċċju tal-Qorti u għalhekk mingħajr ħtija tal-Qorti jew tal-partijiet il-kawża kellha tiġi differita. Fuq ordni tal-Qorti, is-seduta skedata fl-4 ta’ Marzu 2011 ġiet imħassra, b’dan għalhekk li s-sentenza ġiet moqrija fit-3 ta’ Ġunju 2011 fejn l-imputat instab ħati u ingħata 18-il xahar priġunerija sospiżi għal 3 snin u *protection order*.

Fis-16 ta’ Ġunju 2011 ġie ppreżentat rikors t’appell minn Andrea Stellato u b’digriet tas-17 t’Awwissu 2011 ir-rikors ġie appuntat għas-smigħ għas-7 ta’ Settembru 2011. Fis-seduta tas-7 ta’ Settembru ġie osservat li l-appell ma ġiex notifikat u għalhekk il-kawża ġiet differita. Fil-5 t’Ottubru 2011 l-appell ġie differit għat-trattazzjoni għas-26 t’Ottubru 2011 iżda f’din is-seduta ma setgħa jsir xejn peress li l-avukat tal-akkużat talab differiment. Trattazzjoni saret fid-9 ta’ Novembru 2011 u ġiet differita għas-sentenza għall-25 ta’ Jannar 2012. Diversi kienu s-seduti li ġew iffissati (3 seduti sa dan l-istadju) sabiex tingħata s-sentenza iżda dawn dejjem jiġu differiti mill-Qorti għal raġuni jew oħra. Fit-8 ta’ Ġunju 2012 ġiet ppreżentata nota b’dikjarazzjoni oriġinali magħmula minn Stephanie Stellato. B’digriet tal-11 ta’ Ġunju 2012, il-Qorti ordnat in-notifika tan-nota lill-Avukat Ġenerali u lir-rikorrent f’dawn il-proċeduri filwaqt li ssosspendiet ‘l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex isiru s-sottomissjonijiet opportuni fis-seduta li jmiss’[4]. Ġara iżda li fis-seduta li kien imiss, ċioe 11 ta’ Lulju 2012 l-Imħallef kien indispost u għalhekk l-appell ġie differit. It-trattazzjoni għalhekk saret fis-26 ta’ Settembru 2012 u l-appell reġgħa ġie differit għas-sentenza u/jew

[3] Paġna 355 tal-proċess.
[4] Paġna 858 tal-proċess.

provvediment. Is-seduti iffissati bejn it-12 ta' Diċembru 2012 u t-8 ta' Mejju 2013 (4 b'kollox) ġew imħassra fuq ordni tal-Qorti. Fid-29 ta' Mejju 2013 ġiet ippreżentata nota oħra minn bint ir-rikorrent fejn permezz tagħha ġew ippreżentati dokumenti oħra u 'dana għar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja u ghar-ricerka tal-verita'[5]. Din ġiet notifikata lill-Avukat Ġenerali. Mill-24 ta' Lulju 2013, id-differiment li fih kellha tingħata s-sentenza sad-29 ta' Marzu 2017, il-Qorti għal raġunijiet diversi, fosthom għax tkun impenjata b'xogħol ieħor fil-Qorti Superjuri jew għax teħtieġ aktar żmien għal prolazzjoni tas-sentenza[6], l-għoti tas-sentenza dejjem tiġi differita (ġiet differita għal 19-il darba). Fid-29 ta' Marzu 2017, il-Qorti tal-Appell Kriminali għal darb'oħra ssosspendiet l-għoti tas-sentenza, iżda din id-darba għaliex il-Qorti osservat li n-nota ppreżentata fid-29 ta' Mejju 2013 (3 snin u 10 xhur minn meta n-nota ġiet ippreżentata) ma kinitx ġiet a konjizzjoni tal-avukat tal-akkużat u għalhekk l-appell ġie differit sabiex din in-nota tiġi notifikata lid-difensur li jkun jista' jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien ġimgħa min-notifika. Fis-26 t'April 2017, il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tad-difensur tal-akkużat u fit-28 ta' Ġunju 2017, l-Avukat Ġenerali iddikjara li m'għandux sottomissjonijiet ulterjuri x'jagħmel u għalhekk l-appell ġie differit għas-sentenza. Ġara li fil-lista 'l-appell kien differit għall-kontinwazzjoni filwaqt li l-aħħar verbali juri li kienet differita għas-sentenza'[7] u għalhekk l-appell ġie differit għad-29 ta' Novembru 2017 li fiha s-sentenza ma ngħatatx. Is-sentenza ingħatat fit-12 ta' Diċembru 2017 fejn wara ftit aktar minn sitt snin mill-ewwel differiment għas-sentenza, il-Qorti sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu dik li tirrigwarda lill-bintu; l-ewwel imputazzjoni in kwantu li tirrigwarda lil ekx mara ġiet dikjarata preskritta, l-istess ġew dikjarati t-tieni, it-tielet, is-sitt u s-sebgħa imputazzjoni u lliberatu minnhom; ma sabitux ħati tal-ħames u d-disa' imputazzjoni u lliberatu minnhom 'u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-

[5] Paġna 870 tal-proċess.
[6] 3 snin mill-ewwel differiment għas-sentenza.
[7] Paġna 938 tal-proċess.

Liġijiet ta; Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sentejn millum'.[8]

**L-Azzjoni tar-Rikorrent**

Fl-10 t'April 2018 ir-rikorrent ippreżenta r-rikors Kostituzzjonali odjern fejn permezz tiegħu qiegħed jilmenta li t-trapass ta' aktar minn ħdax-il sena biex tiġi deċiża l-kawża Il-Pulizija vs. Andrea Stellato ma jistax jiġi kkunsidrat bħala żmien raġonevoli. Jgħid li dan it-tul fiż-żmien illeda d-dritt tiegħu taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali kif ukoll l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u talab għalhekk lil din il-Qorti 'tindirizza dan in-nuqqas u l-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem b'kumpens xieraq u effettiv, maghduda l-hlas ta' kumpens fi flus'.

**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**

Illi hekk delineat il-proċess kriminali, jeħtieġ li din il-Qorti tikkunsidra jekk kienx hemm ksur tal-Artikolu 6 (1) Konvenzjonali u / jew tal-Artikolu 39 (1) Kostituzzjonali li rispettivament jipprovdi s-segwenti:

"**6**. (1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. [...]"

"**39**. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."

**Meta d-Dewmien Mhux Ragonevoli**

[8] Paġna 952 tal-proċess.

Illi wieħed mill-elementi ewlenin li jeħtieġ jiġi analizzat f'kawzi li jkunu qegħdin jitrattaw id-dewmien ta' proċeduri huwa jekk dak id-dewmien kienx wieħed raġonevoli. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kellha diversi okkażjonijiet tiddetermina x'għandu jiġi kkunsidrat bħala 'dewmien raġonevoli'. Fil-każ **Buchholz v. Germany** (Appl. Nru. 7759/77) deċiża fis-6 ta' Mejju 1981, l-imsemmija Qorti rriteniet li "49. *The reasonableness of the length of proceedings [...] must be assessed in each case according to the particular circumstances. In respect of criminal matters, the Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the <u>complexity</u> of the case, and to the <u>conduct</u> of both the applicant and the competent authorities...";* "70. *[...] the importance of what was at stake for the applicants in the litigation*" kienet ukoll miżjuda mill-QEDB fil-kawża **Gast & Popp v. Gemany** (Appl. Nru. 29357/95) deċiża fil-25 ta' Frar 2000[9]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja ukoll irriteniet li "*that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited)."*[10]

Illi l-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb ***Law of the European Convention on Human Rights*** (r-raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw li:

*The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings…against excessive procedural delays' [Stogmuller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ*

[9] Ara wkoll **Gordeyev v. Russia** (Appl nru. 40618/04) deċiża mill-QEDB fil-5 ta' Frar 2015.
[10] C-50/12P, **Kendrion NV v. European Commission** deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja fis-26 ta' Novembru 2013, para 96-97

*ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A )1989); 12 EHRR 74 para 58].*[11]

Ikompli jingħad li

*The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC].*[12]

Illi tal-istess fehma huwa **William A. Schabas** fil-ktieb ***The European Convention on Human Rights: A Commentary*** (l-Ewwel edizzjoni (2017)):

*"The rationale for the [reasonable time] principle, in criminal proceedings, 'is based on the need to ensure that accused persons do not have to remain too long in a state of uncertainty as to the outcome of the criminal accusations against them' [**Kart v Turkey** [GC] no 8917/05 para 68 ECHR 2009]. Furthermore, 'the vicissitudes of criminal proceedings that remain pending for too long generally also harm the reputation of the alleged offender' [ibid, p 70]."*[13]

[11] Paġna 440 tal-ktieb.
[12] Paġni 440 - 441 tal-ktieb.
[13] Paġna 291 tal-ktieb.

Illi huwa imperattiv li jingħad f'dan l-istadju li t-test ta' dewmien raġonevoli ma jidentifikax żmien speċifiku li fihom il-proċeduri kriminali għandhom jiġu konklużi, wisq anqas m'hemm ċirkostanza waħda partikolari li tiddetermina x'inhu raġonevoli. Iċ-ċirkostanzi kollha għandhom jittieħdu flimkien sabiex jiġi determinat jekk id-dewmien fil-proċeduri kinux raġonevoli o meno.[14] Fil-kawża **Anton Camilleri vs. Avukat Generali** (Rik. Kost. nru. 71/2010) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Frar 2016 ġie dikjarat kif ġej:

"Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu."[15]

Illi ż-żmien raġonevoli fi proċeduri kriminali huwa ġeneralment imkejjel mill-mument li l-persuna hija infurmata li hemm *charge* kontra tagħha, għaliex dan huwa l-mument li l-persuna għandha interess li l-akkuża tiġi determinata u konkluża.[16] Dan iż-żmien huwa imbagħad imkejjel sal-mument ("*dies ad quem*") li dik l-inċertezza kkawżata mill-proċeduri pendenti tkun ġiet konkluża u ċioe meta jkun hemm id-deċiżjoni finali jew it-terminu sabiex isir appell ikun għadda.[17]

Illi **Stephanos Stavros** fil-ktieb ***The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights*** spjega li "*the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly*

[14] Ara ***Francis Said vs. L-Avukat Ġenerali*** (Rik Kost Nru. 30/2007) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2010.
[15] Ara wkoll **Omar Osman Omar et vs. Avukat Generali** (Rik. Kost. Nru 29/2013) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Frar 2015.
[16] ***Dobbertin v France*** (Appl. Nru. 13089/87) deċiża mill-QEDB fil-25 ta' Frar 1993, §38.
[17] ***Angelucci v. Italja*** (Appl. Nru. 12666/87) deċiża mill-QEDB fid-19 ta' Frar 1991, § 15.

*long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence*". Dewmien fil-proċeduri toħloq fil-persuna akkużata inċertezza dwar jekk huwiex ser jinstab ħati jew innoċenti u xi jżomm għalih il-futur. Kif diġà ġie ritenut aktar 'il fuq kif ukoll fil-każ **Abdoella v. The Netherlands** deċiż mill-QEDB fil-25 ta' Novembru 1992, dak li għandu jiġi kkunsidrat huwa "*What was at stake for the applicant"* bħala konsegwenza tal-proċeduri.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Illi fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza l-Qorti sejra fl-ewwel lok tikkonsidra jekk kienx hemm (a) dewmien fil-proċeduri minħabba nuqqas min-naħa tal-prosekuzzjoni li damet biex resqet il-provi tagħha u/jew (b) dewmien tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell.

**a. Dewmien fil-proċeduri minħabba nuqqas min-naħa tal-prosekuzzjoni**

Illi mill-elenku tas-seduti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati su-indikati, jirriżulta li diversi kienu dawk is-seduti li ġew iffissati mill-Qorti iżda li fihom ma ġara xejn u dan minħabba li naqset milli tidher xi parti jew oħra. Din il-Qorti ma tikkondividix il-fehma tar-rikorrent li d-dewmien fil-proċeduri kien minħabba nuqqas min-naħa tal-prosekuzzjoni u dan għaliex għalkemm huwa minnu li kien hemm żewġ seduti li fihom l-Uffiċċjal Prosekutur ma deherx, kien hemm seduti oħrajn li ma setgħa jsir xejn minħabba talbiet għal differimenti min-naħa tal-legali tal-akkużat rikorrent jew mill-*parte civile*. Filwaqt li kien hemm żewġ seduti fuq xulxin li l-legali ta' Stellato talab differiment u oħra mill-parte civile, kien hemm seduta oħra fejn nonostante li l-prosekuzzjoni kienet ħarrket ix-xhieda, id-

difiża s-sottomettiet li dawn ix-xhieda m'għandhomx jinstemgħu qabel ma l-ewwel jiġi trattat l-ammissibilità o meno ta' rapport ta' social worker. In oltre, kien hemm seduta oħra fejn għalkemm deher l-Uffiċċjal Prosekutur, l-avukat tal-akkużat ma deherx u ma setgħa jsir xejn. Din il-Qorti tosserva li meta ma kienx hemm xkiel min-naħa tal-legali tal-akkużat jew tal-parte civile, il-prosekuzzjoni dejjem resqgħet ix-xhieda tagħha. Għalhekk meta l-Qorti tqis l-atteġġjament tal-partijiet kollha involuti fil-kawża, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent ikkontribwixxa sabiex il-prosekuzzjoni ma tkunx tista' tagħlaq ix-xhieda tagħha fi żmien aktar qasir.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma wkoll li l-Prosekuzzjoni m'għandha l-ebda kontroll fuq kemm frekwenti jiġu skedati s-seduti u għalhekk jekk id-differiment bejn seduta u oħra kien ta' xahrejn jew tlieta, dan m'huwiex nuqqas min-naħa tal-prosekuzzjoni.

Illi fl-affidavit tiegħu r-rikorrent xhed li huwa insista "meta bdew dawn il-proċeduri [b'referenza għal proċeduri kriminali] sabiex ix-xhieda tat-tifla tinstema kemm jista' jkun malajr sabiex ma tkomplix issir hasra (ara folio 34 tal-process kriminali; folio 48 sa 54 tal-process kriminal) u l-fatt li minkejja li tressaqt fl-10 ta' Awwissu 2006 binti xehedet nhar it-23 ta' Mejju 2007 (ara folio 65 tal-process kriminali)."[18] Folio 34 tal-proċess kriminali huwa ekwivalenti għal paġna 103 tal-proċess kostituzzjonali u mill-qari ta' dan il-verbal datat 31 t'Awwissu 2006 ma tara xejn li jindika li r-rikorrent kien talab li t-tifla tinstema' kemm jista' jkun malajr, li fil-fatt hemm huwa li 'l-minorenni Stephanie Stellato tinżamm appartata kemm jista' jkun mill-ex martu Sandra Falzon / jew il-familjari taghha fix-shelter fejn jinsabu t-tnejn alloggjati'. Ir-rikorrent jagħmel referenza wkoll għal folio 48 sa 54 tal-proċess kriminali li jiġu paġni 117 sa 123 tal-proċess kostituzzjonali, li hawn ukoll din il-Qorti ma tara imkien xi insistenza min-naħa tar-rikorrent dak iż-żmien akkużat sabiex bintu tinstema' malajr – dak li hawn f'dawn il-paġni huwa proprju rikors fejn talab lill-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tvarja d-digriet tal-ħelsien mill-

[18] Paġna 46 tal-proċess.

arrest. Għalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda insistenza fl-atti indikati mir-rikorrent u wisq aktar mill-proċess kollu kriminali sabiex il-proċeduri jitħaffu jew sabiex semai bintu tinstema' malajr kemm jista' jkun.

Illi r-rikorrent jillamenta fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li d-dewmien seħħ min-naħa tal-prosekuzzjoni għaliex kien hemm pluralità ta' imputazzjonijiet u li l-imputazzjonijiet ġew intavolati mingħajr ma saret investigazzjoni denja. Mill-qari tal-imputazzjonijiet, wieħed jista' jgħid li fi kliem sempliċi r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għaliex wettaq diversi reati ta' vjolenza domestika fil-konfront tal-eks-mara tiegħu u t-tifla tiegħu. Fil-fehma ta' din il-Qorti n-numru ta' imputazzjonijiet f'dan il-każ odjern ma kkontribwixxix fuq it-tul tal-proċeduri u dan għaliex ix-xhieda li nġabu quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Ġudikatura Kriminali xehdu fuq l-imputazzjonijiet b'mod komplessiv u mhux fuq imputazzjonijiet separata.

Il-fatt waħdu li uħud mill-imputazzjonijiet ġew riġettati mill-Qorti tal-Appell bl-ebda mod m'għandu jinftiehem li l-Prosekuzzjoni llediet id-dritt ta' smigħ xieraq. In oltre, a contrario ta' dak sostnut mir-rikorrent, il-Prosekuzzoni ma kinitx ġiet informata l-ewwel darba bil-każ fit-3 t'Awwissu 2006 iżda jirriżulta li kienu diġà saru żewġ rapporti, wieħed fis-27 ta' Lulju 2006[19] u ieħor fil-31 ta' Lulju 2006[20]. Ta' min jgħid li r-rikorrent naqas milli jġib prova tal-allegazzjoni tiegħu li l-imputazzjonijiet ġew intavolati mingħajr ma saret investigazzjoni denja.  Li hu fiż-żgur hu li r-rikorrent instab ħati ta' parti mill-ewwel imputazzjoni, ġie liberat mir-raba' u t-tmien imputazzjoni għaliex ma nġabitx prova fil-grad mistħoqq mil-liġi u  ġie liberat mill-kumplament tal-imputazzjonijiet għaliex kienu preskritti.

Illi finalment f'dan ir-rigward għandu jiġi kkunsidrat ukoll il-punt sollevat mir-rikorrent li '*fil-kors tal-interrogazzjoni jirrizulta li l-Qorti tal-Familja*

[19] Paġna 84 tal-proċess.
[20] Paġna 87 tal-proċess.

*kienet ilha tinvestiga dan kollhu, kellha a dispożizzjoni taghha rapporti tal-Appogg u relazzjonijiet tal-Avukat nominat sabiex jirrappreżenta lit-tifla tar-rikorrent u l-Imhallef sedenti kien sahanistra semgha hu stess lit-tifla. Dan kollhu wassal sabiex il-Qorti tal-Familja tikkonferma li l-kura u l-kustodja tal-minuri tibqa' f'idejn l-esponent'*[21] *[...] 'l-Ufficjali investigattiv ma deherlux li kellu jivverifika dan kollhu u f'temp ta' ftit siegħat hatt dak kollu li l-Qorti tal-Familja kienet bdiet [recte: bniet].'*[22]. Jekk dak li jrid ifisser ir-rikorrent huwa li l-prosekuzzjoni ma' kellhiex tressqu bl-imputazzjonijiet li tressaq bihom għaliex kien hemm diġà proċeduri ċivili għaddejjien, din il-Qorti tqis tali raġunament bħala infondat. Huwa ben stabbilit li l-proċeduri ċivili u dawk kriminali jitmexxew indipendentement u dan għaliex il-grad ta' prova rikjest mil-liġi fiż-żewġ kampi tal-liġi huma differenti minn xulxin. Filwaqt li fil-kamp kriminali l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha 'oltre d-dubju dettat mir-raġuni'; fil-kamp ċivili ir-rikorrent irid jipprova l-każ tiegħu 'fuq bilanċ ta' probabilità'.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Micallef St. John et vs. Richard Spiteri et** (Ċit Nru 205/1993)[23] deċiża fl-24 ta' Novembru 1994 il-Prim'Awla irriteniet: "Illi jrid jinghad mill-ewwel illi bhal ma hu ben saput il-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati tasal ghall-konkluzjonijiet taghha fuq il-provi li jingiebu quddiemha bl-ebda mod ma jorbot lil din il-Qorti fil-masjoni civili li tasal ghall-istess konkluzjoni." Dan l-insenjament japplika viċa versa u ċioe li dak li tiddeċiedi l-qorti ċivili ma torbotx lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

In vista ta' dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-ebda dewmien irraġonevoli min-naħa tal-Prosekuzzjoni.

---

[21] Paġna 1013 tal-proċess.
[22] Paġna 1014 tal-proċess.
[23] Sentenza ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-15 ta' Jannar 2002.

## b. Dewmien tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell

Illi jeħtieġ issa li jiġi kkunsidrat jekk kienx hemm dewmien fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell u jekk kien hemm huwiex wieħed irraġonevoli li jilledi d-dritt ta' smigħ xieraq.

Illi minn eżami tal-verbali jirriżulta li xejn ma kien hemm dewmien sabiex l-appell jiġi appuntat għas-smigħ u dan jingħad għaliex f'temp ta' erba' xhur minn meta ġie ppreżentat ir-rikors tal-appell, il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-appell u ġie differit għas-sentenza. Fil-fehma ta' din il-Qorti d-dewmien beda mill-ewwel differiment għas-sentenza sakemm attwalment ingħatat is-sentenza, 'il fuq minn sitt snin wara l-ewwel differiment għas-sentenza. Fil-mori ta' dawn id-differimenti ġew intavolati żewġ noti minn Stephanie Stellato, li għalkemm il-Qorti tal-Appell ma ħaditx konjizzjoni tagħhom peress li dawn ġew ippreżentati mingħajr il-permessi appożitu[24], jirriżulta li dawn setgħu jiġu ppreżentati għas-sempliċi raġuni li kien qiegħed ikun hemm differiment wieħed fuq ieħor għas-sentenza; altrimenti li kieku ma kienx hemm dawn id-differimenti dawn in-noti ma kienx ikun possibbli li jiġu ppreżentati u lanqas jiġu ffissati erba' seduti b'kollox sabiex jiġu trattati dawn in-noti, aktar u aktar meta l-Qorti tal-Appell iddeċidiet li ma tieħux konjizzjoni ta' dawn in-noti.

Illi minn eżami akkurat tal-verbali jirriżulta li d-dewmien jista' jiġi attribwit għal nuqqas min-naħa tal-awtorità ġudizzjarja u dan għaliex id-differimenti sabiex tingħata s-sentenza kienu qegħdin jingħataw fuq ordni tal-Qorti għal diversi raġunijiet, fost dawn ir-raġunijiet wieħed ssib li l-Imħallef kien diversi drabi impenjat fil-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri jew għaliex kien jeħtieġ aktar żmien sabiex jagħti s-sentenza.

**Illi ġie kemm-il darba ritenut mill-Qrati Kostituzzjonali kif ukoll mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem li kull stat huwa**

[24] Paġna 8 tas-sentenza, paragrafu 17.

**responsabbli li jiggarantixxi biżżejjed riżorsi lill-awtoritajiet ġudizzjarju sabiex ikunu jistgħu joperaw mill-aktar mod effiċjenti.** Fost dawn is-sentenzi wieħed isib is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Marzu 2018 fl-ismijiet **Colin John Marland vs. The Attorney General** (Rik. Kost. Nru 24/17JPG)

"It is the State's duty to ensure that the judicial [process] can run its course without undue delay. The Constitutional Court has previously observed that the Maltese courts are burdened with a heavy case load which often serves as an obstacle to the speedy determination of cases. This Court agrees with the opinion expressed many times by this Court as otherwise composed and the Constitutional Court that there exists an inherent deficiency in the justice system because the public authorities are failing their duty [to] ensure that there are enough resources for the court to be able to perform its duties satisfactorily. In this regard, the Court makes reference to the teachings of the ECHR that: "…it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee to everyone the right to a final decision within a reasonable time in the determination of his civil rights and obligations." [Frydlender v. France, ECHR 30979/96 decided 27th June 2000]"[25]

Illi l-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013 fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Portelli et vs. Avukat Generali et** (App. Ċiv. Nru 49/2010), dwar dewmien ta' seba' snin sabiex tingħata s-sentenza osservat:

"[28] [...] li ma jirrizultax li kien hemm raguni valida li setghet tiggustifika b`xi mod dan id-dewmien ta` seba` snin ghall-ghoti tas-sentenza, liema dewmien ma jistax jitqies bhala wiehed ragjonevoli, anke kkunsidrat il-komplessita` tal-punt legali involut, u ghalhekk dan jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti li, ghalkemm ma jidhirx mill-atti li pprezentaw rikors f`dan ir-rigward, izda zgur li l-incertezza li sofrew ghal dan it-tul taz-zmien sabiex

[25] Dan il-ħsieb ġie ikkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tad-29 t'Ottubru 2018.

tigi determinata l-vertenza kienet raguni ta` anzjeta` u frustrazzjoni ….da parti taghhom, u ta` dan, ghandhom jigu kkumpensati.”

Eżaminati l-atti tal-kawża fid-dawl tad-dritt fundamentali in diżamina u l-ġurisprudenza fir-rigward, il-Qorti tasal għall-konklużżjoni illi, għalkemm hemm diversi fatturi mhux fil-kontoll tal-ġudikant li jikkontribwixxu għal dewmien fl-għoti tas-sentenza, tqis illi xejn ma jikwalifika bħala żmien raġjonevoli li jiddekorru aktar minn sitt snin mill-jum li fih kawża tiġi differita għas-sentenza sal-jum li fih is-sentenza tiġi pronunzjata, aktar u aktar meta, bħal fil-kaz odjern, ma kien hemm l-ebda kumplessità legali.

Għaldaqstant f’dan ir-rigward issib li kien hemm leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikkorrent kif protett bl-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjonali u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni.

**Kumpens**

Illi għalkemm mir-rikors promotur ma jirriżultax li r-rikorrent qiegħed jitlob xi flus li huwa tilef meta ġie imqiegħed fuq nofs paga fuq deċiżjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku[26], mill-assjem tal-provi jirriżulta li r-rikorrent qiegħed jitlob ukoll is-salarju li ma ingħatatx lilu meta ġie sospiż mix-xogħol tiegħu minħabba li kien tqiegħed fuq nofs paga. Fl-affidavit tiegħu ir-rikorrent jispjega hekk:

“Fir-rigward tal-eventwali likwidazzjoni tal-ammont dovut għad-danni morali u materjali jiena qiegħed sempliċiment nitlob l-ħlas ta’ danni sofferti u mhux b’xi mod biex nibbenefika minn tali likwidazzjoni u dwar l-ammonti l-partijiet f’din il-kawża jafu eżattament kemm jipperċepixxi bħala paga Chief Information Officer (Skala 3) u kwindi ma hemm bżonn ta’ l-ebda prova ulterjuri f’dan is-sens. **Di fatti f’dak li għandu x’jaqsam**

[26] Mill-qari tat-talbiet jidher biss li r-rikorrent qiegħed jilmenta li d-dewmien fil-proċeduri kriminali kisru d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq u talab ‘kumpens xieraq u effettiv, magħduda l-hlas ta’ kumpens fi flus u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni’.

**ma tali likwidazzjoni jiena sempliċiment qed nitlob il-ħlas b'lura tan-nofs paga li ma ġietx erogata lili** għall-anqas mit-3 ta' Ġunju 2011 u ċioe id-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) oltre l-bonuses kollha statutorji u kuntrattwali applikabbli, bl-imgħaxijiet skont il-liġi. Tali likwidazzjoni tirrestitwixxi lili lura fis-sitwazzjoni li finanzjarjament kont inkun fiha kieku fit-3 ta' Ġunju 2011 ingħatat l-istess sentenza li ħarġet mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2017."[27]

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li fit-22 ta' Dicembru 2009 r-rikorrent intavola quddiem il-Qorti Civili, Prim'Awla proċeduri kontra l-Onorevoli Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku u l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, bin-numru tar-rikors ġuramentat 1252/2009. Din il-Qorti tosserva li ingħatat sentenza fit-28 ta' Frar 2019 fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u dan għaliex "[b']dak li wettaq is-Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku ma jistax jitqies bħala egħmil amministrattiv skond l-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk din il-Qorti ma tistax tistħarrġu fl-għamla ta' azzjoni mressqa mill-attur" u għaddiet biex ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Din id-deċiżjoni ġiet appellata b'appell intavolat fl-20 ta' Marzu 2019, liema appell huwa pendenti. Minn din l-azzjoni jirriżulta li r-rikorrent kien qiegħed jikkontesta d-deċiżjoni tal-konvenuti f'dawk il-proċeduri talli ġie sospiż mix-xogħol tiegħu u talli ġie imqiegħed fuq nofs paga u talab għalhekk li jħallsuh id-danni.

Illi huwa ben saput li l-kumpens mistħoqq lill-persuna wara li tkun instabet li din ġarrbet ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha ma huwiex l-istess bħal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni mġarrba; ir-rimedju li tista' tagħti din il-Qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għal opportunità mitlufa jew sofferenza ta' pagi mitlufa. In oltre ġialadarba r-rikorrent talab għad-danni lill-Qorti Ċivili, ma tistax tagħmel l-istess talba lil din il-Qorti. Dan il-punt ġie trattat b'mod dettaljat fid-deċiżjoni fl-

[27] Paġni 49 – 50 tal-proċess. Enfasi miżjud.

ismijiet **Anthony Mifsud vs. Supretendent Carmelo Bonello et** (App Ċiv Nru 176/1987/2) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Settembru 2009:

"49. Ghar-rigward tal-ilment tal-partijiet appellanti kollha dwar il-*quantum* tal-kumpens, kif gia` intwera hemm zewg tipi ta' 'danni' li ghalih ir-rikorrent jista' jkun intitolat: dawk morali, ghall-oltragg li garrab bl-aggressjoni tal-intimati, u dawk civili jew materjali, ekwivalenti ghat-telf ta' qliegh futur rizultanti minn *loss of earning capacity*. Normalment, id-danni tal-ahhar tip jintalbu bhala rimedju ordinarju f'kawza quddiem il-qrati ordinarji. Dan ghaliex, kif jinghad fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-2 ta' Novembru 2001:

"Il-principju kollu dejjem ikun illi l-kompetenza Kostituzzjonali u l-kompetenza Civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku."

[...]

50. Min-naha l-ohra, ghalkemm mhux eskluz, kif fuq inghad li wiehed jitlob danni civili u morali minn din il-Qorti, ma jistax jaghmel dan, cioe`, jitlob danni civili mill-Qorti Kostituzzjonali, meta dawn l-istess danni jkunu intalbu f'kawza civili; u ma jistax jiehu danni civili fil-kostituzzjonal, jekk ma jkunx intitolat ghalihom civilment. Fil-fatt ir-rikorrent, apparti dawn il-proceduri, ressaq kawza quddiem il-Qorti ordinarja (citazzjoni numru 405/87) kontra uhud mill-istess intimati odjerni fejn talab il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni li garrab minhabba l-mod kif gie trattat waqt l-arrest tieghu. Din il-kawza giet deciza <u>kontra r-rikorrent</u>, b'decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2008. Dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attur wara li qieset lit-talba tieghu ghad-danni civili kienet tinsab preskritta a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. L-attur appella minn dik is-sentenza, u l-appell ghadu

pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, pero`, jibqa' l-kaz li ghad-danni civili hemm proceduri pendenti u dawn id-danni ma jistghux jinghataw f'din il-kawza.

51. Jekk persuna titlob danni civili, dawn trid tkun intitolata ghalihom fil-kuntest tal-ligi civili, u jekk taht dak ir-regim, dik il-persuna tkun tilfet dak id-dritt (anke ghaliex halliet iz-zmien preskritt ghall-azzjoni jidekorri inutilment), ma tistax tirrikjama dawk id-danni minn din il-Qorti. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Spiteri v. Chairman Awtorita` tal-Ippjanar et**, deciza fil-25 ta' Gunju 1999:

"M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in extremis li wiehed jista' jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel."

(ara wkoll il-kawza **Buttigieg v. HSBC Bank Malta Plc**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Ottubru 2006)."

Illi din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddipartixxi minn dan it-tagħlim u għalhekk tgħaddi sabiex tiċħad it-talba tar-rikorrent għal-likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' nofs il-paga.

Illi fir-rigward tal-kumpens għal-leżjoni tad-dritt fundamentali l-Qorti tagħmel referenza għal kawża fl-ismijiet **Anton Camilleri vs. Avukat Generali** (Rik. Kost. Nru 71/2010JRM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 t'April 2015 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Frar 2016:

"La l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jfissru x'imisshom ikunu l-effetti ta' proċedimenti kriminali meta jinstab ksur tal-element tas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Xi kittieba juru l-fehma li "*It would seem to*

*ensue from this provision that, if the reasonable time has been exceeded and, consequently, the determination can no longer be made within a reasonable time, the proceedings would have to be stopped and the civil action and the criminal charge be declared inadmissible. However, in the Strasbourg case law a more flexible view has been adopted: 'an excessive length of criminal proceedings can in principle be compensated for by measures of the domestic authorities, including in particular a reduction of the sentence on account of the length of procedure'. ... in criminal procedures the public interest in the prosecution and conviction of the criminal may be so great that the prosecution should not be stopped for the sole reason that the reasonable time has been transgressed: another, more proportionate compensation should be awarded to the victim of the transgression*" [Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* paġ. 611];

"Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens li jitħallas f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni [u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni], jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultativ [K. Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd Edit, 2007) § III-001, paġ. 603 – 4], għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' sservi sakemm rimedju bħal dak jista' jitqies bħala wieħed effettiv u effikaċi li jiżgura lill-parti mġarrba r-*restitutio in integrum* tal-jeddijiet tagħha [Kost. **11.8.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs L-Avukat Ġenerali et]***. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali. Ingħad mill-Qrati tagħna li "*kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża*" [Kost.

**3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***]".

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs. Avukat Generali** (Rik. Kost. Nru 11/2013) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju 2016 jingħad hekk fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni morali:

"Sabiex tasal ghal ammont ta' kumpens gust u li jkun jirrifletti c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-Qorti ghandha tikkonsidra, il-fatturi segwenti:

"a. id-dewmien inordinatament twil u eccessiv; b. in-natura kriminali tal-proceduri relevanti; c. il-grad ta' stat ta' incertezza, frustrazzjoni, u ansjeta` li d-dewmien necessarjament iggenera f'persuna akkuzata; d. in-nuqqas tar-rikorrenti appellanti li jintraprendu xi inizjattiva biex jissolecitaw speditezza fl-andament tal-kawza taghhom; e. il-kontribut tar-rikorrenti appellanti ghad-dewmien tal-proceduri. [Q.Kos. **Raymond Urry et v. Avukat Generali**, 27 ta' Frar 2015]."

Rilevanti wkoll is-sentenza mogħtija reċentement mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet "**Patrick Falzon vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et.**"(Rik.60/16LSO):

"Fis-sentenza ta' din il-Qorti aktar ricenti fl-ismijiet **Victor Buttigieg v. Avukat Generali** moghtija fis-26 ta'Jannar 2018, il-kumpens moghti ghal dewmien irragonevoli kien ta' €7,000 wara li gie kostatat li kull kaz kellu c-cirkostanzi partikolari tieghu li dawn ghandhom jigu meqjusa fil-likwidazzjoni tal-kumpens: " Din il-Qorti fil-fatt taqbel illi l-kwantum tal-kumpens għandu jiġi kkalkulat wara li l-Qorti tkun ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Il-kumpens ma jiġix likwidat fl-astratt, abbażi biss tan-numru ta' snin li tkun twalet il-kawża. U għalhekk mhux il-każ li l-Qorti tara x'kumpens ingħata f'kawżi oħra abbażi biss tas-snin u tapplika valur simili."

Illi fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza u oħrajn[28], kif ukoll fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet partikolari ta' dan il-każ, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rimedju idoneu għal-leżjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent huwa li jingħata kumpens ta' ħamest elef ewro (€5,000) bħala danni non pekunjarji.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat;

1. Tilqa' l-ewwel talba, tiddikjara li fil-proceduri istitwiti kontra r-rikorrent fl-ismijiet Il-Pulizija vs Andrea Stellato finalment decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar it-12 ta' Dicembru 2017, kien hemm dewmien mhux misthoqq u bla ebda raguni tajba;

2. Tilqa' t-tieni talba, tiddikjara li b'konsegwenza ta' dak id-dewmien ir-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli sancit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll fl- Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta għar-raġunijiet spjegati fis-sentenza;

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) bħala kumpens għad-danni morali sofferti mir-rikorrent.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**Moqrija**

[28] Ara wkoll **Henry Cassar vs. Avukat Ġenerali** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Frar 2009 u **Francis Said vs. Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2010.

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**

10 ta' Ottubru 2019

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**

10 ta' Ottubru 2019